MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 32/2011

**Go plc (C22334)**

**vs**

**Brian Azopardi (I.D No 322072)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-14 ta’ Jannar 2011, fejn intalab li l-konvenut jigi ikkundannat jhallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ seba mija u erba u tmenin Ewro u seba u disghin centezmu (€784.97) in konessjoni ma’diversi servizzi skond documenti immarkati Dok A, B u C ipprezentati flimkien mal-Avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ seba mija u erba u tmenin  Ewro u seba u disghin centezmu (€784.97)  bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------